**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 18 ta' Jannar, 2016**

**Avviz numru: 1389/2000**

**Spiteri Maempel Ltd.**

**Vs**

**Golden Shepherd Group Limited**

Il-Qorti,

Rat l-avviz tas-socjeta attrici fejn talbet li is-socjeta konvenuta thallasha is-somma ta' disa' mija sebgha u ghoxrin liri Maltin u tletin centezmu (Lm927.33) rapprezentanti prezz ta' medicini mibjugha lilha u minnha accettati u dan skond l-i"statement" anness mal-avviz u mmarkat Dok "A".

Bl-ispejjez kollha inkluz il-VAT kif ukoll dawk tal-ittra legali li ggib id-data tad-19 ta' Jannar 2000 u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-ahhar invoice u cioe 22 ta' Lulju 1998, kontra s-socjeta konvenuta.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta, li fiha eccepiet is-segwenti:

1. Illi s-somma reklamata mis-socjeta attrici mhix dovuta mis-socjeta konvenuta, stante illi l-medicini in kwistjoni ma gewx ordnati minnha u mibjugha lilha;
2. Ghaldaqstant, it-talbiet tas-socjeta attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Semghat ix-xhieda, rat id-dokumenti ipprezentati u l-atti l-ohra ta' dawn il-proceduri.

Rat il-provvediment taghha tat-30 ta' Novembru 2015, fejn din il-Qorti cahdet ir-rikors tas-socjeta konvenuta ghal kjamata in kawza tal-Professur Anthony Serracino Inglott.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Minn dak li setghet tifhem il-Qorti mill-process kif rikostruwit mill-partijiet fuq ordni tal-Qorti – stante li l-process originali intilef u l-process ma giex rikostruwit fl-intier tieghu – il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri kienu s-segwenti:

1. Is-socjeta attrici tbiegh prodotti farmacewtici.
2. Is-socjeta konvenuta kienet tiggestixxi l-Isptar St. Philips Hospital.
3. F'xi zmien qabel l-1998, il-Professur Anthony Serracino Inglott gie inkarigat mill-Isptar St. Philips sabiex jiehu hsieb jara, fost affarijiet ohra, li l-isptar ikun "self sufficient" fil-medicini, fis-sens li jinxtraw medicini sufficenti ghall-ezigenzi tal-istess sptar. Sfortunatament, kopja ta' dan il-ftehim, ma gietx ipprezentata f'dawn il-proceduri.
4. Fix-xhieda tieghu il-Professur Serraccino Inglott jghid li hu dejjem ghamel l-ordnijiet ghal prodotti farmcewtici f'isem l-isptar, u kien jinnegozzja mas-socjeta attrici f'isem l-isptar.[1]
5. Fl-1998, l-isptar kellu diffikultjajiet finanzjarji u fl-1999, f'Jannar ta-1999 il-ftehim tal-Prof. Serracino Inglott gie terminat mill-Isptar.

[1] Ara xhieda tal-Prof. Anthony Serracino Inglott a fol. 59 tal-process.

6. L-ordnijiet tal-Prof. Serracino Inglott ghan-nom tal-isptar in konnesjsoni ma medicinali lis-socjeta attici kienu jsiru bit-telefon. Il-konsenja tal-oggetti ordnati kient issir fl-istess Sptar mid-*delivery man* tas-socjeta attrici, u l-isptar kien ihallas.[2]
7. Wara is-sena 1999 inbidel ix-*shareholding* fis-socjeta konvenuta, u s-socjeta attrici giet infurmata mill-Isptar, illi Isptar ma kellux x'jaqsam mal-ammont meritu tal-proceduri odjerni, stante li kien il-Professur Serracino Inglott li kien jixtri l-medicinali f'ísmu u mbaghad ibieghom lill-Isptar. Dan id-diskors sar wara l-ordnijiet u mhux qabel jew matul l-ordnijiet.[3]
8. Min-naha tieghu, il-Professur Serracino Inglott xehed bil-gurament li l-ammont in kwistjoni kien ghal medicinali ordnati ghall-Isptar St. Philips, u cahad kategorikament li dawn kienu intizi ghal uzu tieghu personali jew ghal dak tal-ispizerija privata tieghu.[4]
9. Edmond Mugliette, il-*Financial Controller* tas-socjeta konvenuta xehed li meta hu ha l-kariga fis-sena 2000, wara li kienu tbiddlu ix-shareholders tas-socjeta konvenuta, sab li l-ammont in kwistjoni ma kienx dovut mill-Isptar jew mis-socjeta konvenuta, izda kien dovut mill-Prof. Serracino Inglott.[5]
10. L-unika raguni li jghati Edmond Mugliette ghal din l-asserzjoni tieghu hi li s-socjeta attrici kienet izzomm zewg kontijiet, wiehed specifikatament ghall-isptar u l-iehor tal-Professur Serracino Inglott.
11. Pero, Katya Avellino li kienet tahdem fl-accounts department tas-socjeta konvenuta, xehedet li l-*invoices* in kwistjoni huma kollha intestati St. Philip Hospital u gew konsenjati lill-istess sptar, ghalkemm uhud minn dawn l-invoices kienu iffirmati mis-segretarja tal-Professur Serracino Inglott, li pero kellu ufficju fl-istess sptar, minn fejn kien jespleta l-inkarigu lilu moghti mill-isptar.[6]
12. Fix-xhieda taghha Michaela Borg, gia Spiteri Maempel, *accounts clerk* tas-socjeta attrici spjegat li s-socjeta attrici kellha zewg account numbers fuq l-Isptar St. Philips, minhabba li kien hemm bidla fl-amministrazzjoni tal-Isptar St. Philip's, u l-bdil fin-numru tal-account sar fuq talba tal-Isptar stess.[7]

---

[2] Ara xhieda ta' Mario Spiteri Maempel a fol. 75-76 tal-process.
[3] Ara xhieda ta' Mario Spiteri Maempel a fol 76 tal-process.
[4] Ara xhieda ta' Prof. Serracino Inglott a fol. 54 tal-process.
[5] Ara xhieda ta' Edmond Mugliette a fol. 63 tal-process.
[6] Ara xhieda ta' Katya Avellino a fol. 65 *et seq.* tal-process.
[7] Ara xhieda ta' Michaela Borg, gia Spiteri Maempel a fol. 47 sa 50 tal-process.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Illi mill-provi prodotti, jirrizulta car li l-ordnijiet li kien jaghmel il-Professur Serracino Inglott lis-socjeta attrici ghal prodotti farmacewtici, kien jaghmilhom ghan-nom tal-Isptar St. Philip's Hospital gestit mis-socjeta konvenuta.

L-unika raguni li ta l-Financial Controller tas-socjeta konvenuta, Edmond Mugliette - li inghata din il-posizzjoni wara li saret it-transazzjoni in kwistjoni u li ma kienx involut fit-transazzjonijiet fiz-zmien li kienu jsiru mill-Professur Serracino Inglott – ghalfejn il-kont hu dovut mill-istess Professur personalment hi li s-socjeta attrici kellha zewg kontijiet, wiehed ghall-isptar u l-iehor ghal Professur Serracino Inglott.

Fix-xhieda taghha Michaela Borg, gia Spiteri Maempel, accounts clerk tas-socjeta attrici – u li kienet tiehu hsieb l-ordnijiet li l-Professur Serracino Inglott kien jaghmel ghall-isptar fiz-zmien rilevanti - spjegat li s-socjeta attrici kellha zewg account numbers fuq l-Isptar St. Philips, minhabba li kien hemm bidla fl-amministrazzjoni tal-Isptar St. Philip's, u l-bdil fin-numru tal-account sar fuq talba tal-Isptar stess. Din ix-xhieda ta' Michaela Borg, ma giet bl-ebda mod kontradetta mis-socjeta konvenuta.

Anzi, Katya Avallino, li kienet tahdem fid-dipartiment tal-*accounts* fl-Isptar St. Philips xehdet li l-medicinali kollha fl-invoices in kwistjoni gew kollha konsenjati lill-isptar u l-invoices kienu kollha intestati lill-istess sptar. Ghalkemm din ix-xhud tghid li l-invoices originali qatt ma kienu waslu ghand is-socjeta konvenuta, ma ngabet l-ebda prova li l-medicinali imsemmijin fl-invoices u li x-xhud stess tammetti gew konsenjati fl-Isptar, ma tuzawx mill-istess sptar.

Mill-kumpless tal-provi, il-Qorti hija sodisfatta illi s-socjeta attrici ippruvat il-pretensjoni taghha sal-grad rikjest fil-kamp civili.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti, fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta konvenuta, tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici

is-somma ta' elfejn mija u sittin Euro u ghaxar centezmi (€2160.10) – ekwivalenti ghas-somma ta' disa' mija sebgha u ghoxrin Liri Maltin u tletin centezmu (Lm927.33), bl-ispejjez kollha, inkluz it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, kif ukoll dawk tal-ittra legali li ggib id-data tad-19 ta' Jannar 2000 u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-ahhar invoice u cioe 22 ta' Lulju 1998, kontra s-socjeta konvenuta.

**Magistrat**

**Deputat Registratur**